KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

# Rapport Annwali Amministrattiv u ta' Hidma

---

Jannar – Dicembru 2011

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Legislatura (2008-2012)

Ir-raba' sena ta' Hidma tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem fis-sitt legislatura kienet bejn Jannar u Dicembru 2011.

## Laqghat tal-Kunsill

Matul is-sena 2011 saru 13 – il laqgha tal-Kunsill (numru 35 sa' numru 47) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqghat | Prezenti | Assenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Francis Cauchi (Sindku) | 13 | 13 | - |
| Stephen Mercieca (Vici Sindku) | 13 | 12 | 1 |
| Joseph Camilleri Kunsillier) | 13 | 13 | - |
| Larry Buttigieg (Kunsillier) | 13 | 13 | - |
| Peter Caruana (Kunsillier) | 13 | 13 | - |
| Amanda Cauchi (Segretarju Ezekuttiv) | 13 | 13 | - |

## Toroq:

Il-Kunsill kompla bil-programm tiegħu li jagħti t-tarmac u jibdel s-servizzi tal-ilma fil-ftit toroq li fadal fiż-żona urbana. Wara li s-sena l-oħra saru bit-tarmac parti minn Triq Hamri u Triq Fawwara, din is-sena tkomplew toroq oħra li huma parti minn Triq il-Ġnien, Pjazza Madonna ta' Loreto u Triq ta' Lourdes. Din ta' l-aħħar saret mill-Ministeru għal-Għawdex wara insistazzjoni qawwija minn naħa tal-Kunsill. Il-parti t'isfel li fadal ser titlesta fi ftit gimgħat oħra

## Ċentru Ċiviku:

Sa fl-ahhar l-ambizzjoni li r-raħal ta' Għajnsielem jkollu ċ-Ċentru Ċiviku saret realta. Wara sentejn xogħol fuq dan il-proġett, iċ-Ċentru wasal biex jinfetaħ uffiċċjalment mill-Prim Ministru, Onor. Lawrence Gonzi nhar is-Sibt 3 ta' Marzu 2012.

## *Playing Fields* :

Sar xi xogħol fil-Playing Field Amabile Cauchi u tneħħa kull periklu li kien hemm. Tbidlu xi ftit mit-tapiti u żdiedu oħrajn sabiex ikun jista jitwaħħal apparat ġdid ma dak li kien hemm. Inżebghu il-bankijiet kollha kif ukoll il-fanali li jinsabu hemmhekk. Żdied ir-*railing* fl-entratura biex ikun hemm iżjed sigurta għat-tfal. Din is-sena ser jitkompla jsir izjed xogħol fuq is-sigurta fil-Playing Fields wara rapport li gie mhejji apposta fejn irrakkomanda x'hemm bzonn isir.

***Embelishment mil-fondi tal-UIF tal-MEPA*** :

Ix-xogħol t'*embelishment* li sar fi Pjazza Madonna ta' Loreto, Pjazzetta 10 ta' Diċembru, Pjazza Indipendenza u Triq Anglu Grech u Pjazza tad-Dehra sar kollu minn fondi tal-UIF li jammonta għal-ammont ta' madwar €40,000. Barra minn hekk, apparti dan l-ammont li l-Kunsill ga utilizza, il-Kunsill fadallu allokat madwar €120,00 f'dan il-fond tal-UIF. Dawn il-flus qed jinżammu mill-Kunsill sabiex jekk jintlaħaq ftehim fuq il-proġett tal-Pjazza, ikunu jistgħu jigu uzati għal dan il-proġett. Kemm il-darba dan il-ftehim ma jintlaħaqx, il-Kunsill jinforma lill-poplu Għajnselmiż b'dan, biex b'hekk isir pjan alternattiv ta' tisbieħ fir-raħal biex jintefqu dawn il-flus, għaliex jista jiġri li jintilfu.

***Fondi tal-Unjoni Ewropea u Segretarjat Parlamentari għal- Kunsilli Lokali***

Fuq applikazzjoni tas-sena l-oħra, taħt il-programm ta' Italia-Malta, il-Kunsill ibbenefika fuq proġett li ġie magħżul li jitratta turiżmu reliġjuż. F'Mejju, il-Kunsill irnexxielu jtella grupp imdaqqas mir-raħal tagħna fejn flimkien assistew għal festa ta' Santa Luċija ġewwa Erchie fl-Italja. Fondi oħra li l-Kunsill Lokali rnexxielu jakwista bis-saħħa tas-Segretarju Parlamentari Onor. Chris Said, kienu €20,000 biex isir studju kif Għajnsielem jista jkun lokalita' sostenibbli. Dan ir-rapport ġie mħejji tul Awwissu u Settembru, fejn il-Lokalita' kollha ppartećipat f'dan l-istudju. Minn naħħa tal-Ministeru għal-Għawdex, il-Kunsill applika għas-somma €70,000 fuq l-iskema ta' EKO Għawdex. Dawn il-fondi ser jintużaw biex tinbena l-Għajn tal-Hasselin, jinxtara *tuck* li jaħdem bil-batterija u jitħammel u jitnaddaf il-Wied ta' Simirat.

***Proġett tal-Pjazza Madonna ta' Loreto***

Wara li s-sena l-oħra kien ntlaħaq ftiehim fuq d-disinn tal-pjazza bejn il-Knisja Parrokkjali u l-Kunsill Lokali, ftit ġranet wara l-arċipriet ħassar dan il-ftiehim kollu. Tul din is-sena reġgħu bdew id-diskussjonijiet bejn iż-żewg partijiet, flimkien mal-Ministeru għal-Għawdex, fejn wara xi emendi fil-pjanti, reġa ntlaħaq ftiehim fuq il-Pjanta. Baqa` xi diskussjonijiet li għad iridu jsiru li jirrigwardjaw il-kuntratt, fejn l-avukata tal-Ministeru, Dr. Cassar talbet għad-dokumenti tat-titlu tal-art mingħand l-arċipriet. Dan tal-aħħar baqa qatt ma għadda dawn id-dokumenti, minkejja diversi *e-mails* u telefonati mingħand l-avvukata.

Il-Kunsill kiteb ukoll lill-Isqof Mario Grech, fejn talab biex issir laqgħa bejnu u bejn il-Kunsill biex jintlaħaq kompromess fuq il-Pjazza. S'issa, il-Kunsill għadu jistenna din id-data mingħand l-Isqof.

***Attivitajiet Kulturali u Soċjali***

Bħas snin l-oħra l-Kunsill ħadem kemm felaħ biex jorganizza attivitajiet matul is-sena kollha. Fost dawn kien hemm serata f'Awwissu minn Freddie Portelli bil-kollaborazzjoni mal-Banda San Ġużepp, Miss Gozo for Miss Malta, Kompetizzjoni ta' l-Isnooker fil-Każin tal-Banda, Gieh Għajnselmiz u l-Gimgħa t' Għajnsielem u Bethlehem f' Għajnsielem fejn din is-sena kien wieħed ta' suċċess ukoll. Saru ħargiet għal-anzjani u żagħżagħ kif ukoll

ħarġa għat-Trade Fair. Organizzajna konferenza speċjali għal grupp ta' ħaddiema tal-Protezzjoni Civil mil-belt ta' Tolfa, ġemellata mar-raħal t' Għajnsielem. Saru żewġ attivitajiet Ġiet organizzata kompetizzjoni għat-tfal dwar pittura u kompożizzjoni. Fix-xahar ta' Novembru ġie organizzat kors għar-residenti fejn ittrata il-bini tal-presepju u pasturi. Saret kompetizzjoni għall-presepji kif ukoll għall-isbaħ tieqa mżejna għal Milied. Għal-ħabta tal-Milied saret is-soltu zjara mill-Kunsilliera lill-anzjani tar-raħal li ma joħorġux mid-dar.

***Ġemellaġġ***

Il-ġemellaġġ mal-belt ta' Tolfa baqa jissaħħaħ fejn din is-sena kelna żjara mill-korp Pulizija taż-żona ta' Lazio f'Ruma fejn sar seminar ta' jumejn fil-Grand Hotel ma' xi wħud mill-korp tal-pulizja minn Malta u Għawdex.

Inbeda ġemellaġġ ieħor din id-darba mal-belt ta' Erchie fl-Italja fejn grupp imdaqqas ta' nies mil-lokalita` tagħna telgħu f'din il-belt għal festa ta' Santa Lucija fuq programm ta' turizmu reliġjuż. Bidu ta' ġemellaġġ interessanti ħafna kien dak mal-Belt ta' Bethlehem. Hawn il-Kunsill mar fil-Palestina fejn waħda miż-żjajjar tiegħu f'dan il-pajjiż kienet fil-Belt ta' Bethlem. Hawn il-Kunsill iltaqa mas-Sindku ta' din il-belt fejn sar l-iffirmar ta' bidu ta' ftehim bejn iż-żewġ postijiet rigward dan il-ġemellaġġ.

***Konklużjoni***

Dan hu l-aħħar rapport għal din is-sitt leġislatura. Nista ngħid li l-ħidma bla waqfien li rnexxielu jwettaq dan il-Kunsil, minkejja d-diffikultajiet li ltaqa` magħhom, kienet ħidma ta' suċċess bit-twettieq ta' proġetti kbar li jinkludu toroq bit-tarmac, bini ta Ċentru Ċiviku, bidu tal-bini tal-Għajn tal-Ħasselin u ħafna affarijiet oħra.

Nagħlaq billi nestendi r-ringrazzjament tiegħi lill-sħabi l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv, s-sinjura Amanda Abela u l-istaff kollu tal-Kunsill għal appoġġ u d-dedikazzjoni tagħhom li taw biex din il-ħidma kollha setgħet titwettaq.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Amanda Abela**
**Segretarju Eżekuttiv**

11 Dar Bernardina, Pjazza tadl-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt